
Nassesja
Lenti fuq il-Komponiment
Leonard Grech



# Nassessja

## Lenti fuq il-Komponiment

minn


**LEONARD GRECH**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv
Dipartiment tal-Kurrikulu
Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni



Malta

2005

# werrej


| | pag̃na |
|---|---|
| Messaġġi | 4 |
| Introduzzjoni | 6 |
| L-EWWEL TAQSIMA<br>Nibnu l-Komponiment | 9 |
| IT-TIENI TAQSIMA<br>'Qtates abbandunati' | 20 |
| 'Fuq il-qamar' | 25 |
| 'Dak li dejqek u dak li għoġbok matul is-sena skolastika' | 30 |
| IT-TIELET TAQSIMA<br>Assessja Lilek Innifsek | 37 |



RINGRAZZJAMENTI

*Grazzi minn qalbi lis-sinjuri Tarċisju Zarb, Nicholas Bezzina, Mary u Anna Grech tal-pariri li tawni, lil Marija Grech li pinġiet l-uċuh tat-tfal, lil Joe P. Camilleri li għamel il-qoxra tal-ktieb, u lid-Direttur u lill-Assistent Direttur li kitbu l-messaġġi lill-qarrejja.*

# MESSAĠĠ

Għall-għalliema tal-lingwi, wieħed mill-aktar xogħlijiet ta' pjaċir iżda wkoll ta' taħbil il-moħħ huwa proprju t-tiswija tal-komponimenti. Huwa għalhekk li l-Uffiċjali Edukattivi jaħdmu biex ikollhom 'marking scheme' li tagħmel ix-xogħol aktar rigoruż. Fl-1999, kienet ħarġet ġabra ta' komponimenti bl-Ingliż b'tagħrif dwar il-punti tajbin u dwar l-iżbalji li hemm fihom, biex jgħinu lill-għalliema jiddeterminaw liema marka jagħtu lill-istudenti għall-komponiment tagħhom.

Sentejn ilu kien ukoll ippubblikat xogħol dwar l-assessjar tal-komponimenti ta' l-Ingliż fil-livell tal-Primarja u issa qed naraw pubblikazzjoni li tixħet il-lenti fuq il-komponiment miktub bil-Malti. Huwa pożittiv ferm li l-ewwel parti ta' dan ix-xogħol siewi tiffoka fuq il-bini tal-komponiment - il-kitba ta' komponiment hija ftit jew wisq l-istess minkejja l-ilsien li bih tinkiteb. Malti jew Ingliż ma jagħmilx differenza. Huwa għaqli ferm li dan l-aspett jiġi kkunsidrat sew mill-għalliema għax b'hekk wieħed ikun qed iqarreb il-lingwi u mhux ipoġġi t-tagħlim f'kumpartimenti distinti. Għandna naħdmu biex inwasslu l-messaġġ li hemm ilsien u mhux ilsna, ħalli b'hekk l-istudenti jsiru aktar konxji ta' dak kollu li hu komuni fid-diversi suġġetti, f'dan il-każ l-ilsna.

Nagħlaq billi nirringrazzja lis-Sur Leonard Grech għax-xogħol utli li wettaq fil-qasam ta' l-assessjar formattiv. Konvint li dan ix-xogħol se jgħin ħafna biex it-tagħlim isir aktar ta' kwalità.

**Raymond J. Camilleri**
*Direttur tal-Kurrikulu*

# MESSAĠĠ

Għeżież studenti,

Din hija pubblikazzjoni oħra maħruġa mit-Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv fid-Dipartiment tal-Kurrikulu. L-għan ewlieni ta' dan il-ktejjeb huwa li jkabbar fikom il-ħila li tassessjaw, b'mod partikulari l-komponimenti bil-Malti.

L-awtur se jagħtikom pariri siewja, kif ukoll mudelli u eżempji prattiċi li bihom tistgħu tkabbru fikom dik il-ħila li twassalkom biex issiru tafu x'inhuma l-karatteristiċi jew ħtiġijiet li jagħrfu komponiment tajjeb minn ieħor inqas tajjeb. B'din il-ħila li takkwistaw tkunu f'pożizzjoni li tassessjaw aħjar il-kwalità tal-komponimenti tagħkom qabel ma jassessjawhom l-għalliema. Bil-mod il-mod tibdew tkabbru fikom il-ħila li tiktbu komponimenti ta' livell dejjem aħjar.

L-assessjar huwa għodda li jużawha l-għalliema biex jaraw x'kapaċi jagħmlu u fejn waslu l-istudenti. Imma hija wkoll għodda f'idejn l-istudenti nfushom. Permezz ta' din l-għodda tista' tagħraf fejn inti b'saħħtek u fejn trid tistinka aktar biex tkabbar it-tagħlim u l-progress tiegħek. Żgur li dan il-ktejjeb se jgħinek biex tagħmel dan, mhux biss fejn tidħol il-kitba bil-Malti imma possibilment ukoll fejn tidħol il-kitba bl-Ingliż jew b'xi lingwa oħra.

Nawguralek kull suċċess fl-akkwist ta' din il-ħila fl-assessjar tiegħek innifsek u fil-produzzjoni ta' kitba aħjar.

**Peter Vassallo**
*Assistent Direttur, Assessjar ta' l-Istudenti*

# Introduzzjoni

Tfal, dan il-ktieb huwa miktub għalikom. Ħa nibda billi ngħidilkom xi ħaġa dwar tifla jisimha Greta. Greta kienet qed tqalleb il-kotba u tħares lejn l-istampi. Ommha staqsietha jekk kinux jogħġbuha dawk l-istampi. Greta għażlet dik l-aktar għal qalbha.



Hi ressqet sabagħha lejn it-tfal ferħanin jilagħbu fil-kampanja, u lejn il-ħaxix, is-siġra l-kbira u l-għoljiet. Dawn kienu jogħġbuha wisq. Meta għamlet hekk Greta kienet qed turi l-opinjoni personali tagħha mibnija fuq kif kienet taħsibha hi. Greta kienet qed tiġġudika x-xogħol ta' ħaddieħor u titgħallem fl-istess ħin.



Issa ħa ngħidilkom xi ħaġa dwar tifel jismu Manwel. Dan it-tifel kien iħobb jgħin ħafna lil missieru fil-kċina. Kull nhar ta' Sibt kienu joqogħdu jagħmlu l-pastini flimkien. Ġurnata minnhom il-missier issuġġerixxa li Manwel jagħmel il-pastini waħdu. It-tifel ħa pjaċir jagħmel it-taħlita. Meta lesta, huwa daħħal kollox fil-forn. Manwel ħareġ il-pastini meta ħaseb li dawn kienu lesti. Mill-ewwel induna li l-pastini kienu nħarqu xi ftit u kienu ġew kemmxejn ibsin għalkemm fit-togħma kienu tajbin. Manwel kien jaf għala ġara dak li ġara. Kien dewwimhom iżżejjed fil-forn. Is-Sibt ta' wara Manwel qagħad attent li ma jirrepetix l-istess żball. Ir-riżultat kien eċċellenti. Il-pastini ġew jgħaxxquk kemm fid-dehra kif ukoll fit-togħma. Sewwa jgħidu li mill-iżbalji titgħallem.



Fiż-żewġ każi ta' hawn fuq għandna lil Greta u lil Manwel. Greta assessjat stampa li kien pinġieha ħaddieħor. Manwel assessja l-pastini li kien għamel huwa stess.



## Fhimt issa xi tfisser il-kelma 'tassessja'?

Li tassessja hija ħila meħtieġa għalik. L-ewwel tibda tassessja x-xogħol ta' ħaddieħor, imbagħad tassessja lilek innifsek. Imma meta tassessja trid tkun ġust. Għalhekk irid ikollok ċerti affarijiet (kriterji) li bihom tkejjel kemm il-ħaġa hi tajba. Hekk tkun tista' tagħti l-ġudizzju tiegħek. David qal li t-tim favorit tiegħu lagħab hekk u hekk. Tqassim kien hemm, il-plejers kienu ħfief u xi drabi xxuttjaw lejn il-lasta. Iżda, mill-banda l-oħra, kien hemm ħinijiet twal li waqgħu fuq id-difiża u donnu ma kienx hemm pjan serju kif kellhom jilagħbu.



Jidher li David qed jipprova jkun ġust. Qiegħed jiżen, jara fejn lagħbu tajjeb u x'difetti kien hemm. Qiegħed jassessja l-logħba. Huwa għandu f'moħħu lista ta' kriterji li tgħinu jiddeċiedi kif marret il-logħba. Minn kliemu stess nindunaw li l-lista tinkludi:

- tqassim
- enerġija tal-plejers
- ixxuttjar lejn il-lasta
- pjan tal-logħba
- difiża u attakk

Żgur li inti tista' żżid ma' din il-lista.

Dan kollu jwassalna għall-ktieb li għandek f'idek. Int qed tkun mitluba tiżen (tassessja) xi komponimenti bil-Malti. Imma dan ma tistax tagħmlu qabel tkun taf il-kriterji li għandek tuża. Għalhekk, fl-ewwel taqsima se ssib dawn il-kriterji. Se ngħinek biex tasal tagħraf x'jagħmel komponiment tajjeb. Din it-taqsima hija mżewqa b'siltiet minn komponimenti ta' tfal. Is-siltiet jgħinuk tifhem b'mod ċar dawn il-kriterji, bħal ngħidu aħna, il-bżonn li tagħmel introduzzjoni kif jixraq.

Fit-tieni taqsima ssib tliet komponimenti sħaħ. Se tkun mitlub tassessjahom billi tuża l-istess kriterji li huma spjegati fl-ewwel taqsima.

Dawn l-istess kriterji se terġa' ssibhom fit-tielet taqsima li jisimha 'Assessja Lilek Innifsek' (paġna 37). Issa mhux se tassessja x-xogħol ta' ħaddieħor imma tiegħek innifsek. Dan żgur jgħinek biex issib fejn tista' tirranġa u għalhekk tagħmel progress. Din ta' l-aħħar hija l-aktar ħaġa meħtieġa, jiġifieri li inti timxi 'l quddiem.

Tippruvax tirranġa d-difetti li għandek kollha f'daqqa għax tispiċċa taqta' qalbek. Aqbad kriterju wieħed u rranġa fuqu. Darb'oħra aqbad ieħor. Tinduna li miexi 'l quddiem avolja bil-mod. Mhux bil-qatra l-qatra timtela l-ġarra? Mela taqtax qalbek. Żgur li jekk tkabbar fik il-ħila li tassessja lilek innifsek, tibda tikteb komponimenti wisq isbaħ minn dawk li qed tikteb illum.




**Leonard Grech**
*Uffiċjal Edukattiv fl-Assessjar*